TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 480/11/GZ

**Gaetano Mercieca**

**vs**

**Airport Parking Ltd**

Illum 16 ta' Mejju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-17 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00), rapprezentanti l-prezz li hallas bhala penali fuq ticket tal-parkegg mitluf.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fit-23 ta' Settembru 2011, huwa kien mar iwassal il-familja ta' bintu l-ajruport ghall-habta ta' xi s-14:30 sabiex isiefru. Meta fl-16:00 huwa gie biex johrog mill-ajruport, huwa ma sabx it-ticket tal-parkegg, ghalhekk huwa nforma lill-ufficjal tal- parkegg ta' l-ajruport, fejn dana talab lir-rikorrent ihallas multa ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) ghall-parkegg, fejn normalment ir-rikorrent ihallas Ewro u sittin centezmu (€1.60).

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat, stante li din il-multa kienet ingusta, specjalment meta s-socjeta' ntimata jistghu jippruvaw mill-kameras tas-CCTV id-dhul tal-karozza fil-parkegg, u dana apparti mill-fatt illi l-konsumatur ghandu jigi protett minn abbuzi bhal dawn fejn is-socjeta' ntimata timmultahom b'mod essagerat u minghajr ebda gustifikazzjoni.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fil-kaz ta' kull persuna li tirrapporta li ma jistax jinstab il-biljett ta' dhul fil-parkegg, l-impjegati ghandhom istruzzjonijiet li jimxu mal-kondizzjonijiet ta' dhul. Dawn il-kondizzjonijiet jinstabu qabel id-dhul fil-parkegg, li jindikaw li persuni li ma jipprezentawx il-biljett ta' dhul jehlu penali.

L-impjegati inkarigati mill-operat tal-parkegg m'ghandhomx access ghall-video recordings tal-kameras tas-CCTV, u specjalment meta wiehed iqis li jidhlu bejn sitta u seba' mitt karozza kuljum f'dan il-parkegg. Dawn il-kameras m'humiex qieghdin hemm biex jistabilixxu l-hinijiet ta' meta dahlu u hargu l-karozzi fil-parkegg. Il-kameras qieghdin hemm bhala mezz ta' sigurta', u min jitlef il-biljett tal-parkegg ma jistax jippretendi li l-kumpanija nkarigata bl-operat tal-parkegg thares lejn il-kamera biex tiddetermina kemm ghandhom ihallsu persuni ghall-uzu tal-parkegg, meta din l-istess kumpanija ghandha sistema awtomatika ta' ticketing li taghmel dan ix-xoghol. Ghaldaqstant, il-kumpanija nkarigata bl-operat tal-parkegg m'ghandhiex ghalfejn thallas ghat-traskuragni ta' min jitlef il-biljett.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa sett ta' ritratti li juru li ma hemm imkien imnizzel qabel tidhol li wiehed jehel multa jekk ma jurix il-biljett, li gew immarkati bhala Dok.GM1 u Dok.GM2, flimkien ma' kopja tal-biljett li kellu jhallas ir-rikorrent fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) li giet immarkata bhala Dok.GM3 u Dok.GM4.

It-Tribunal jikkonsidra illi s-socjeta' ntimata kienet gusta meta fir-risposta taghha stqarret illi hemm indikat qabel id-dhul fil-parkegg il-kondizzjonijiet li jindikaw li persuni li ma jipprezentawx il-biljett ta' dhul jehlu penali, u dana bil-konferma u bl-osservazzjoni maghmula da parti ta' dan it-Tribunal stess tat-tabella li tinsab imwahhla qabel ma wiehed jidhol ghall-post tal-parkegg, li tghid hekk: *"Trid thallas multa jekk ma jkunx ipprezentat il-biljett fil-mument tal-hrug mill-parkegg"*.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi ma kien hemm l-ebda tip ta' nuqqas ta' informazzjoni da parti tas-socjeta' ntimata, u nonostante dan, ir-rikorrent messu kien responsabbli bizzejjed sabiex ma jitlifx l-imsemmi biljett imbaghad jipprova jiggustifika tali traskuragni u jwahhal f'xi nuqqas inezistenti da parti tas-socjeta' ntimata, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**